# PAĠNA VOJTA



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI

# FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

# 2022

**Ħin: 09:00 – 10:00 (Siegħa)**

**KARTA SUPPLIMENTARI**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| | |
|---|---|
| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

IL-PRESEPJU TA' TFULITI

L-istorja tat-twelid ta' Kristu, minkejja s-sempliċità tagħha, kienet, għadha u tibqa' ssaħħar lil kulħadd, kbar u żgħar. Sa minn żmien ilu, Malta u Għawdex baqgħu magħrufa għall-imħabba lejn din il-ġrajja li drajna nżejnuha bil-presepju.

Kont għadni naqra ta' tifel meta missieri kien jibnielna l-presepju fid-dar. Ġimgħat qabel kien jieħu lili u lil ħija, xi sentejn iżgħar minni, biex inġibu l-ġebel addattat għall-bini tal-presepju minn ħdejn il-knisja ta' Santa Duminka fit-tarf tar-Rabat. Sena wara l-oħra kont nistenna dan iż-żmien, li baqa' stampat ġo moħħi sal-ġurnata tal-lum. Barra l-ġebel, konna mmorru nġibu r-rina (trab safrani) minn fuq l-Għolja ta' Gelmus, ir-Rabat, u l-leħjet ix-xiħ min-naħa Ta' Sarċ, f'Kerċem. Kull sena konna nkabbru dan l-imbierek ta' presepju li missieri kien jibnielna b'tant paċenzja fil-kantina. Il-kantina kienet post abitabbli għall-aħħar, arjuża u mdawla sew b'żewġ twieqi għal barra, avolja taħt l-art.

Ta' tfal li konna, il-pasturi konna nixtruhom minn tliet ħwienet prinċipali: dak ta' Majsi Zahra, li kienu jgħidulu tal-Għadmu, mingħand Ġużepp Meylaq imlaqqam tal-Belt u mingħand Toni Borg ta' Kuzzitu. Dawn kienu kollha mir-Rabat u l-ewwel tnejn kienu jagħmlu l-pasturi huma stess. Kienu veru mgħallmin u tas-sengħa. Bħala dilettant tal-presepju għad fadalli fil-kollezzjoni tiegħi pasturi maħduma minnhom. Nibża' għalihom daqs il-mimmi t'għajnejja, u kull meta narahom niftakar f'dak iż-żmien sabiħ.

(Silta addattata minn kitba ta' Anton Galea li dehret fil-ġurnal elettroniku Illum tat-3 ta' Diċembru 2021)

Il-mistoqsijiet:

1. L-awtur tas-silta jara l-Milied bħala festa
   a) tat-tfal biss
   b) tal-Maltin u l-Għawdxin biss
   c) tax-xjuħ biss
   d) ta' kulħadd, kbar u żgħar.

2. Il-frażi 'naqra ta' tifel' fis-silta tfisser li l-awtur kien
   a) għadu żgħir
   b) tifel imqareb
   c) qasir ħafna
   d) iħobb il-qari.

3. Il-frażi 'baqa' stampat ġo moħħi' fis-silta tfisser li
   a) kellu t-tpinġija fuq moħħu
   b) kien żmien ikrah li ried jinsa
   c) kellu r-ritratti li jfakkruh f'dak iż-żmien
   d) kellu tifkiriet sbieħ li baqa' jiftakar sew.

4. Il-presepju kien jibnieh
   a) missier l-awtur bl-għajnuna ta' wliedu
   b) missier l-awtur waħdu
   c) l-awtur u ħuh waħidhom
   d) Majsi Zahra u sħabu.



**PAĠNA VOJTA**

PAĠNA VOJTA



5. L-għerq tal-verb 'nkabbru' huwa
   a) K_B_R
   b) N_K_B
   c) K_B_B_U
   d) N_K_B_R_.

6. Fil-frażi 'Il-kantina kienet post abitabbli' l-aġġettiv huwa
   a) il-kantina
   b) kienet
   c) post
   d) abitabbli.

7. Ngħidu: Intom ibqgħu ġewwa, imma inti
   a) iqba' ġewwa
   b) ibqa' ġewwa
   c) iqba ġewwa
   d) ibqa ġewwa.

8. Mill-inħawi tas-Sarċ, f'Kerċem, l-awtur kien jiġbor
   a) il-pasturi tal-presepju
   b) il-ġebel għall-presepju
   c) il-ħaxix magħruf bħala leħjet ix-xiħ
   d) it-trab safrani magħruf bħala rina.

9. Il-kantina 'mdawla' imma l-bejt
   a) imddawal
   b) mdawwal
   c) imdawwal
   d) imdawall.

10. Ngħidu tliet ħwienet imma
    a) erba twieqi
    b) erbgħa twieqi
    c) erba' twieqi
    d) għerba twieqi.

11. Liema kelma hija nom bi pronom mehmuż?
    a) presepju
    b) missieri
    c) kien
    d) jibnielna.

12. Il-plural ta' 'sengħa' huwa
    a) snin
    b) sengħat
    c) snajja
    d) snajja'.

13. 'Daqs il-mimmi t'għajnejja' tfisser
   a) huma għeżież ħafna għall-awtur
   b) ma tantx jiswew flus
   c) ma tantx għadek tara bħalhom
   d) trid tħares lejhom bir-reqqa.

14. Immarka s-sentenza li ma taqbilx mal-informazzjoni mogħtija fis-silta.
   a) L-irġiel li kienu jbiegħu l-pasturi kienu kollha jgħixu r-Rabat t'Għawdex.
   b) It-tliet irġiel kienu jagħmlu l-pasturi huma stess.
   c) L-awtur għad fadallu xi pasturi milli kien xtara fi tfulitu.
   d) Dawn il-pasturi jfakkru lill-awtur fi tfulitu.

15. Il-plural ta' 'żmien' huwa
   a) żmienijiet
   b) żminijit
   c) żminijjiet
   d) żminijiet.

**(15 x 2 marki = 30 marka)**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Il-familja Barberin kienu jgħixu f'razzett fqir fuq xatt ta' xmara żgħira ftit 'il barra minn Chavanon, wieħed mill-irħula l-aktar fqar tan-naħa tan-nofs ta' Franza. Barberin kienu nies bieżla u tal-familja u milux li kellhom l-ewwel tarbija, tifel sbejjaħ, ismar u fuq ruħu.

Il-missier u l-omm kien jinħabbu ħafna, iżda jekk riedu jaqalgħu biżżejjed biex jgħixu, ir-raġel, li kien naġġar, kien ikollu jħalli 'l daru, 'il martu u lil ibnu u jmur jaħdem Pariġi. B'hekk seta', jgħix xi ftit aħjar, u jibgħat xi flus lil martu li kienet baqgħet waħedha fir-razzett tieħu ħsieb it-tifel, taħdem il-biċċa raba' żgħira li kellhom tefgħa ta' ġebla bogħod mir-razzett u tirgħa lil Rossina. Din Rossina kienet baqra sabiħa u smina li tħallilha biżżejjed ħalib biex l-omm setgħet tagħmel il-butir, il-ġobon u l-irkotta li kienet tinħtieġ.

Barberin kien diġà ilu xi snin jaħdem Pariġi. Hemmhekk kien jaqla' dik ix-xi ħaġa żejda li seta' jfaddal biex ikollu moħħu mistrieħ għal meta jixjieħu hu u martu. Kellu f'moħħu li meta jgħaddi ċertu żmien jerġa' lura lejn ir-raħal tiegħu biex jgħix fil-kwiet mal-familja. Imma ma kellux ikun hekk. Għax il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.

Pariġi. Marzu dalwaqt jasal, u miegħu dak is-seher kollu fjuri li ġġib magħha r-rebbiegħa. Is-siġar diġa bdew jimtlew bil-weraq, u fil-ġonna bdew jinbtu l-ewwel fjuri kollha kuluri u fwejjaħ.
Bilkemm kien għadu sebaħ li Barberin kien diġà miexi b'pass mgħaġġel fi Triq Breteuil, triq wiesgħa kollha siġar, sejjer għax-xogħol.

Kienet għodwa sabiħa, għalkemm l-ajru għadu kiesaħ. Hu u miexi, bil-pipa f'ħalqu u f'idejh l-għodda tax-xogħol tiegħu, deherlu li sema' biki ta' tarbija. Waqaf u ħares madwaru biex jara jekk il-ħoss kienx ġej minn xi waħda mill-vilel li jagħtu għat-triq. Imma l-vilel kienu 'l ġewwa mit-triq, wara l-ġonna, bil-kanċelli magħluqa. Iżda l-biki kien dejjem jitqawwa.

(Hector Malot – l-Avventuri ta' Remy – Maqlub mill-Franċiż u addattat għall-Malti minn: A. Micallef u J. Sultana.)



44. Xi tfisser il-kelma "mixgħuf"?
   a) imdejjaq
   b) imħasseb
   c) ferħan
   d) migdum

45. Liema minn dawn t'hawn taħt hija t-tajba?
   a) erbatax il-ktieb.
   b) erbatax-il ktieb.
   c) erbatax-il-ktieb.
   d) erbatax kotba.

46. In-nanna kienet tħobb
   a) tgħid fuq in-nies
   b) tirrakkonta
   c) tpaċpaċ fil-vojt
   d) taqra

47. Liema frażi minn dawn t'hawn taħt l-aktar li tiddeskrivi lin-nanna?
   a) Rakkontattriċi tajba
   b) Anzjana marida
   c) Tara kollox ikrah
   d) Tgħid diskors bla sugu

48. Sħab Bubinu
   a) kienu qed jieklu l-ħaxix tal-qiegħ.
   b) kienu qed jiggustaw lil Bubinu.
   c) kienu qed jilagħbu.
   d) kienu f'wiċċ il-baħar.

49. Waħda minn dawn t'hawn taħt hi żbaljata. Liema hi?
   a) Il-ħut l-oħra kienu jobdu lill-ġenituri.
   b) In-nanna tar-rakkontatur kienet tagħtih gallettini u kokotina.
   c) L-istorja laqtet sewwa lill-awtur.
   d) Il-ħuta li belgħet lil Bubinu kienet ċerna.

50. Jekk ngħidu "ġarra nbid" liema kelma minn dawn li ġejjin nużaw għal "pezza"?
   a) ħadra
   b) drapp
   c) ħażina
   d) injam

**(20 x 2 marki = 40 marka)**

**TMIEM**

36. "tefgħa ta' ġebla 'l bogħod" hija frażi. Liema minn dawn li ġejjin hija frażi wkoll?
a) Sewwieq m'għandu qatt jixrob alokoħol meta jsuq.
b) Omm il-mara għandha ħabta ssajjar il-fniek.
c) Żomm dejjem flixkun ilma miegħek!
d) Fuq ix-xwiek.

37. Kelma/frażi oħra flok "sikwit" hija
a) malajr
b) ftit drabi
c) spiss
d) ma tantx

38. Liema kelma toqgħod flok "skoll" kif użata fit-test?
a) tqaċċit.
b) blata.
c) ħaxixa.
d) toqba.

39. Liema frażi tagħtik x'tifhem li Bubinu kien moħħ ir-riħ?
a) karattru ferrieħi
b) ma jaħsibhomx
c) iqis qabel ma jagħmel l-affarijiet
d) jitlef iċ-ċans li jiġih

40. Agħżel kelma oħra flok "qatgħa" skont kif użata fis-silta.
a) ħasda
b) grupp
c) ferita
d) kisra

41. Jekk minn tefa' nislet tefgħu minn refa' nislet:
a) refaw
b) refu
c) refgħu
d) refu'

42. "Bibien" huwa l-plural sħiħ ta' "bieb". Liema kelma minn dawn li ġejjin hija l-plural sħiħ ta' "ħarġa"?
a) ħarġiet.
b) ħarġejn.
c) ħruġ.
d) ħarrieġ.

43. "Maqdes" huwa "post ta' qima". Liema kelma minn dawn li ġejjin norbtuha ma' "post ta' pubblikazzjoni" ?
a) librerija.
b) stamperija.
c) maħżen.
d) skola.



Il-mistoqsijiet:

16. Fejn seħħ dan ir-rakkont?
a) F'Franza.
b) F'Malta
c) Fl-Iżvizzera
d) F' Ċipru.

17. Fejn kienu jgħixu l-familja Barberin'?
a) Fid-deżert
b) Fuq il-muntanji
c) Fuq xatt ta' xmara żgħira
d) Fuq dgħajsa kbira.

18. X'irid ifisser l-awtur bil-kelma 'bieżla'?
a) Iħabirku
b) Ma jirsistux
c) Ix-xogħol iwarrbulu
d) Jaħdmu bil-lejl.

19. X'kien ix-xogħol tar-raġel?
a) Ħaddied
b) Mastrudaxxa
c) Naġġar
d) Skarpan.

20. X'inhu x-xogħol tan-naġġar? .
a) Jonġor il-ġebel
b) Jixkatla ż-żebgħa
c) Jarma l-pont
d) Jonfoħ il-forġa.

21. Kemm kellhom tfal il-familja Barberin?
a) Tifel u tifla
b) Tifel wieħed
c) Żewg subien
d) Tliet tfajliet.

22. Għaliex ir-raġel tal-familja Barberin mar jaħdem ġewwa Pariġi?
a) Għax Pariġi kienet belt sabiħa ħafna
b) Għax iddejjaq fejn kien jgħix
c) Għaliex b'hekk seta' jgħix ftit aħjar
d) Għax ma kellux flus.

23. X'baqgħet tagħmel waħedha fir-razzett il-mara ta' Barberin?
a) Tieħu ħsieb it-tifel
b) Tagħmel il-ġbejniet
c) Tieħu ħsieb ir-razzett
d) Tinseġ is-suf tan-nagħaġ.

24. Min kienet Rossina?
   a) Debba
   b) Ħmara
   c) Kelba
   d) Baqra

25. Wara numru ta' snin jaħdem f'Parigi x'kellu f'moħħu Barberin?
   a) Li meta jgħaddi ċertu żmien jerġa' lura lejn ir-raħal tiegħu.
   b) Li meta jgħaddi ċertu żmien jixtri villa.
   c) Li meta jgħaddi ċertu żmien jiftaħ ħanut tal-ġobon.
   d) Li meta jgħaddi ċertu żmien jixtri karozzella.

26. Għalfejn xtaq imur lura lejn ir-raħal tiegħu?
   a) Biex jibda jrabbi l-fniek
   b) Biex jgħix fil-kwiet mal-familja
   c) Biex jibda jmur għal kaċċa
   d) Biex jara lil Rossina.

27. X'inhu l-plural ta' 'fwieħa'?
   a) Fwieħiet
   b) Fwejjaħ
   c) Fwieħi
   d) Fweħat.

28. X'iġġib magħha r-rebbiegħa?
   a) Ġonna sbieħ
   b) Xemx u xita
   c) Fwieħa liema bħalha
   d) Seħer kollu fjuri.

29. X'kellu f'ħalqu Barberin hu u miexi?
   a) Biċċa ħobż
   b) Pipa
   c) Ħolqa tal-metall
   d) Biċċa spaga.

30. X'deherlu li sema' Barberin hu u miexi?
   a) Tinwieħ ta' qtates żgħar
   b) Tpespis tal-għasafar
   c) Biki ta' tarbija
   d) Ħrief żgħar .

**(15 x 2 marki = 30 marka)**

**Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Afli kulħadd iħobb jisma' l-istejjer. Jekk min ikun qed jirrakkonta jkun jaf jagħmel użu sewwa t'għajnejh, idejh, ċaqliq tar-ras u tiċrit tal-ħalq allura r-rakkont jieħu ħajja.

Persuna li kellha ħabta tirrakkonta kienet in-nanna Feliċa. Kienet mara fuq ruħha, xi ftit imbaċċa, la twila u lanqas qasira, b'par għajnejn il-ħin kollu jżebbġu u tbissima ma taqta' qatt. Kienet toqgħod



tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn ħdejna. Għalhekk sikwit kont inżurha, u hi tlestili kokotina li tant kont inħobb u gallettini li minnhom dejjem kien ikollha ħażna tajba.

Imma storja li baqgħet stampata f'moħħi kienet l-aħħar waħda li rrakkontatli ftit qabel mietet. Bħas-soltu bdiet hekk, "Mela darba ...

... kien hemm ħuta żgħira mhux akbar minn suba' żgħir imsejjaħ Bubinu. Kien fuq ruħu ġmielu u ħafna drabi ma jaħsibhomx. Ħalli għalih jitlaq lill-qatgħa tal-ħut sħabu u jżiġġ 'l hawn u 'l hinn, 'il fuq u 'l isfel għal rasu. Il-ħut sħabu kienu joqogħdu fuq it-twissijiet tal-ġenituri tagħhom biex joqogħdu flimkien u kemm jista' jkun jirgħu fil-qiegħ tal-baħar. Dan biex ma jkunx hemm xi ħuta ikbar minnhom u taħtafhom.

Jum fost l-oħrajn Bubinu bħas-soltu kien għaddej maqtugħ minn sħabu, jiddieħaq bihom u jinkihom. Fid-daqqa u l-ħin, mulett imdaqqas ħareġ minn wara skoll u belgħu."

Hekk kif in-nanna spiċċat l-istorja daret fuqi u wissietni biex ...

Mistoqsijiet

31. L-istorja tan-nanna tista' tiqies
   a) ċajta.
   b) parabbola.
   c) kummiedja.
   d) dramm.

32. Is-silta tispiċċa bi twissija mingħand in-nanna. Liema minn dawn it-twissijiet li ġejjin taħseb li n-nanna ma tatux?
   a) Qis li ma tkunx pruzuntuż.
   b) Qis li toqgħod ma' sħabek.
   c) Qis li tħaddem rasek biex ma tiġix fl-inkwiet.
   d) Dejjem agħmel kif ifettillek.

33. L-espressjoni "imbaċċa" turi li n-nanna kienet
   a) tħobb tilgħab bil-boċċi mat-tfal.
   b) qawwija.
   c) ta' xeħta rqiqa.
   d) magħluba.

34. "Minn" hija prepożizzjoni. Minn dawn il-kelmiet, agħmel sing taħt dik il-kelma li hija wkoll prepożizzjoni?
   a) spara
   b) aħjar
   c) ta'
   d) suldat

35. Fis-silta il-kittieb juri x'għandu jagħmel wieħed biex ir-rakkont itih il-ħajja. Liema minn dawn li ġejjin ma jissemmiex fit-test?
   a) rasu.
   b) saqajh.
   c) ħalqu.
   d) idejh.